**L-Erbgħa**

**L-1 ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Qed jinħall id-dlam li jistor
fis-sigħat tal-lejl il-ħlejjaq;
dawl il-jum qiegħed isebbaħ
kullimkien bil-bjuda tiegħu.
2.
U bħal swaba' twal u rotob
'l hawn u 'l hinn jinfirxu r-raġġi;
tfiġġ ix-xemx fil-ħmura w tixħet
mant ta' dija fuq ir-raba'.
3.
Hekk, fis-sliem u l-barka t'Alla,
jgħib id-dlam tal-qerq minn moħħna,
minn fuq qalbna s-sħab jiċċarrat,
u fid-dawl tal-grazzja nimxu,
4.
Sabiex miegħek biss ningħaqdu,
Kristu Sidna, b'fehma safja:
u kuljum inħossu l-qawwa
tal-ġid kbir li tagħmel magħna.
5.
Ejja żurna w iddi fina
kull filgħodu bid-dawl tiegħek;
keċċi d-dell tal-mewt minn ruħna,
ħa nimtlew bil-ferħ tal-ħajja.
6.
Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. **Amen.**

**SALMODIJA**
Ant. 1 Fid-dawl tiegħek, o Alla, naraw id-dawl.
L-Għid: Mulej, għandek hemm l-għajn tal-ħajja, hallelujah.

**Salm 35 (36)**

Il-ħażen ifesfes lill-ħażin f'qiegħ qalbu; *
m'hemmx biża' ta' Alla quddiem għajnejh. –

Għax hu jiddandan bil-fehma tiegħu, *
li Alla ma jsibx fih ħtija x’jistmell.
Kliem fommu kollu qerq u gideb, *
ma jimxix bl-għaqal, ma jagħmilx il-ġid.
Fuq friexu jaħseb kif se jqarraq, *
triq ħażina qabad, ma jwarrabx dak li hu ħażin.

Mulej, sas-smewwiet tasal it-tjieba tiegħek, *
sas-sħab il-fedeltà tiegħek.
M’ogħla s-smewwiet il-ġustizzja tiegħek, *
baħar bla qiegħ il-ħaqq tiegħek.

Kemm hi għażiża t-tjieba tiegħek, o Alla! †
Għad-dell ta’ ġwenħajk
jistkennu wlied il-bnedmin; *
bnedmin u bhejjem int tgħinhom, Mulej.
Jixbgħu bil-ġid tad-dar tiegħek, *
tisqihom ix-xmara ta’ l-hena tiegħek.
Għax għandek hemm l-għajn tal-ħajja, *
fid-dawl tiegħek naraw id-dawl.

Żomm it-tjieba tiegħek ma’ min jagħrfek, *
il-ġustizzja tiegħek ma’ min hu qalbu safja.
Ma jersaqx għal fuqi riġel kburi, *
ma titfagħnix ‘il barra id il-ħażin.
Hemm waqgħu dawk li jagħmlu l-ħażen, *
intefgħu għal isfel u ma jistgħux iqumu.

Ant. Fid-dawl tiegħek, o Alla, naraw id-dawl.
Ant. 2 Mulej, kbir int u msebbaħ, ta’ l-għaġeb u b’saħħtek.
L-Għid: Mulej, int bgħatt l-Ispirtu tiegħek, u hu għamel il-ħlejjaq, hallelujah.

**Kantiku (Ġudit 16,1b-2.13-16)**

Insġu għanja ta’ tifħir lil Alla tiegħi, *
għolluh, u sejħu lil ismu.
Għax il-Mulej hu Alla li jxejjen il-gwerer; *
minn idejn l-għedewwa ħelisni.

Ngħanni lil Alla tiegħi għanja ġdida: *
Mulej, kbir int u msebbaħ, ta’ l-għaġeb u b’saħħtek.

Lilek jaqdu l-ħlejjaq kollha, *
għax int tkellimt, u huma saru;
int bgħatt l-ispirtu tiegħek, u hu għamilhom. *
Ħadd ma jista’ jieqaf lil-leħen tiegħek.

Jitheżhżu l-muntanji mill-qigħan tagħhom ma’ l-ibħra, *
jinħall il-ġebel bħax-xama’ quddiemek;

imma int tibqa' turi ħnientek *
ma' dawk li għandhom il-biża' tiegħek.

Kbir hu għal dejjem *
min għandu l-biża' tal-Mulej.

Ant. Mulej, kbir int u msebbaħ, ta' l-għaġeb u b'saħħtek.
Ant. 3 Għajtu b'leħen ta' ferħ lil Alla.
L-Għid: Alla hu s-sultan ta' l-art kollha: għannulu b'sengħa għanja sabiħa, hallelujah.

**Salm 46 (47)**

Popli kollha ċapċpu jdejkom, *
għajtu b'leħen ta' ferħ lil Alla!
Għax il-Mulej, l-Għoli, hu tal-biża', *
sultan kbir fuq l-art kollha.

Irażżan il-popli taħtna, *
u l-ġnus iqiegħed taħt riġlejna.
Hu jagħżlilna l-wirt tagħna, *
il-kburija ta' Ġakobb, il-maħbub tiegħu.
Tela' Alla b'għajat ta' ferħ, *
il-Mulej bid-daqq tat-trombi.

Għannu lil Alla, għannu, *
għannu lis-sultan tagħna, għannu.
Għax Alla s-sultan ta' l-art kollha: *
għannulu bis-sengħa għanja sabiħa.

Isaltan Alla fuq il-ġnus kollha, *
joqgħod Alla fuq it-tron imqaddes tiegħu.
Jinġemgħu l-kbarat tal-popli *
mal-poplu ta' Alla ta' Abraham.

Għax ta' Alla huma l-kapijiet ta' l-art: *
hu filgħoli ħafna fuq kulħadd.

Ant. Għajtu b'leħen ta' ferħ lil Alla.

**LEZZJONI QASIRA Tob 4,15.16.19**

Ħares lilek innifsek, ibni, f'kull ma tagħmel u ġib ruħek bħal wieħed imrobbi sewwa f'kull pass li tagħmel. Mill-ħobż tiegħek itma' lil min hu bil-ġuħ, u minn ilbiesek libbes lil min hu għarwien. Kull ma jkollok żejjed, agħtih karità. Bierek f'kull ħin il-Mulej u itolbu li jitwittew triqatek u mogħdijietek, u jirnexxu l-fehmiet tiegħek.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Iġbidli qalbi, o Alla, * Biex inħares il-preċetti tiegħek. Iġbidli.
V. Bil-kelma tiegħek agħtini l-ħajja. * Biex inħares il-preċetti tiegħek. Glorja. Iġbidli.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Agħmel ħniena magħna, Mulej, u ftakar fil-patt qaddis tiegħek.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,

biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Agħmel ħniena magħna, Mulej, u ftakar fil-patt qaddis tiegħek.

**PREĊI**

Il-Mulej Ġesù ma jistħix isejħilhom ħutu lil dawk li hu jqaddes. Inroddulu ħajr u nfaħħruh dejjem, u minn qiegħ qalbna nitolbuh:
*Mulej, qaddes lil ħutek.*
Agħmel li b'fehma safja nikkonsagrawlek il-bidu ta' dan il-jum f'ġieħ il-qawmien tiegħek mill-imwiet:

- għinna ngħaddu l-ġurnata kollha f'għemejjel ta' qdusija, kif jogħġob lilek.
Int, b'sinjal ta' mħabbtek, tajtna jum ġdid biex ngħadduh f'saħħitna u henjin:
- ġeddidna kuljum għall-glorja tiegħek.
Għallimna llum inħossu l-preżenza tiegħek f'kulħadd madwarna:
- agħmel li nsibuk l-iżjed fl-imnikktin u l-foqra.
Żommna llum fis-sliem mal-proxxmu kollu:
- tħalliniex inroddu deni b'deni.

**Missierna**

## Talba

Ismagħna, o Alla, Salvatur tagħna: int għamiltna wliedek, ulied id-dawl; agħtina li nibqgħu miexja dejjem f'dan id-dawl u nagħmlu ħidma ta' ġid tassew, biex iseħħilna nkunu xhieda tiegħek quddiem il-bnedmin. B'Ibnek.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**